

# Il-Festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ bejn l-1814 u l-1841

Riċerka ta' Raymond Saliba

It-tradizzjonijiet popolari reliġjużi f'Ħaż-Żebbuġ isibu art mill-aktar fertili, sew għaliex iż-Żebbuġin, bħall-kumplament tal-Maltin, għandhom karattru Mediterranju li jiżvoga fi ħwejjeġ bħal dawn, kif ukoll għax rawmu maż-żmien minħabba partikolari lejn dak kollu li hu għażiż għalihom. Il-festi liturġii u dawk għall-qaddisin kienu u għadhom fost l-aktar manifestazzjonijiet pubbliċi li n-nies tagħmel għalihom. Però żgur li fosthom kollha, n-nies ta' dan ir-raħal antik iħabirku biex jiċċelebraw l-aktar il-festa ta' San Filippu ta' Agira, titular tal-parroċċa. F'dan ix-xogħol sejrin naraw kif kienu jsiru l-elementi l-aktar importanti fil-festa, kemm interna kif ukoll esterna. It-tagħrif kollu hu miġbur mill-kotba ta' l-amministrazzjoni tal-knisja parrokkjali, miktuba mill-prokuratur tal-festa. Sa dan iż-żmien ma kienx hemm każini formali u l-festa kienet tiġi organizzata kompletament mill-knisja, għalkemm kultant kien ikun hemm xi inizjattiva personali ta' xi dilettanti.



*Il-vara ta' San Filep ta' Agira fl-1921. L-aqwa opra ta' l-arti f'ġieħ il-qaddis patrun.*

Fis-seklu 18, diġà kien isir sforz biex il-festa titulari tkun iċċelebrata bil-kbir, possibbilment, aħjar minn ta' irħula oħra. Per eżempju għall-mużika tal-knisja kienu jinġiebu l-*maestri di cappella* tal-Katidral ta' l-Imdina, filwaqt li meta ma kinux jistgħu jiġu, kienu jqabbdu lil dawk tal-knisja konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Għal din il-mużika kienu jintefqu ħafna flus, kif nistgħu ngħidu li baqa' jsir sa żmienna, għalkemm il-kwalità hi ferm differenti! Fost il-ħlasijiet partikolari li kienu jsiru nsemmu dak għax-xema' u l-weraq li jinxteħed ma' l-art; għal predikaturi tat-Tridu u l-paniġierku; flimkien ma' ħlas *extra* lis-sagristani. Għal barra ftit li xejn kienu jintefqu flejjes, għaliex sa dak iż-żmien il-festa kienet konċentrata fil-knisja. Barra minn dan, kien ikun hemm okkażjonijiet straordinarji, meta jiġu mfakkra avvenimenti speċjali, fejn kien isir kollox b'aktar pompa u solennità, fejn mhux darba u tnejn kienu jiġu mistiedna l-kapijiet ta' l-Istat u l-Knisja.

Is-seklu 19, kien żmien fejn pajjiżna għadda għal aktar minn darba f'idejn mexxejja ġodda, u fejn nistgħu ngħiduu li beda perjodu ta' żvilupp f'diversi oqsma. Żdiedet l-attività ekonomika u per konsegwenza, żdiedu l-flus fl-idejn. Dan f'Ħaż-Żebbuġ hu evidenti kemm mill-att urbanistiku kif ukoll fl-attività kulturali, bit-twaqqif ta' numru ta' każini. F'dan is-seklu wkoll saru l-akbar numru ta' proġetti ambizzjużi għat-tiżjin tal-knisja parrokkjali. Il-festa titulari

wkoll kompliet tikber u tiżviluppa, fuq ġewwa u fuq barra. Il-piki fuq il-mużika tal-knisja għenu biex jifjorixxu l-partiti tal-festa, li b'mod naturali kabbru l-attività tagħhom. Fl-ewwel nofs tas-seklu 19, il-perjodu li se nitkellmu minnu, jurina kif issa l-festa ta' barra għamlet passi ta' ġgant 'il quddiem, sew fil-logħob tan-nar kif ukoll bil-parteċipazzjoni ta' l-elementi mużikali.

## Il-Festa ta' Ġewwa

Żewġ affarijiet li jissemmew dejjem fil-kontijiet huma l-paniġierku u l-mużika. Il-paniġierku kien iċ-ċirasa fuq il-kejk matul il-quddiesa l-kbira solenni. Kienu jaraw li jintagħżel predikatur għaref u magħruf, li mhux l-ewwel darba li kien mir-raħal. Il-ħlas għal dan is-servizz jidher li kien ta' ħames skudi, filwaqt li meta kien jinġieb minn barra r-raħal kienu jħallsu wkoll għal kaless. Ġieli kien hemm min joffri s-ervizz bla ħlas, speċjalment meta kien ikun mir-raħal stess. Uħud minnhom, kienu jagħmluh aktar minn darba. Il-lista tal-predikaturi hija interessanti għax turi nies li



*Il-knisja parrokkjali c. 1955. Innota l-pulptu minn fejn kien isir il-paniġierku.*



*L-Isqof F.C. Caruana – Pittura ta' Pietru Pawl Caruana fis-sagristija tal-knisja parrokkjali.*

kienu popolari fi żmienhom, għalhekk tajjeb li nuru parti minnha:

| | |
|---|---|
| 1815 | Pietru Pawl Psaila |
| 1816 | Teodoro Piscopo |
| 1817 | Tumas Scicluna (Kappillan tar-raħal) |
| 1818 | Cario de Giovanni Inglott (Kappillan taż-Żurrieq) |
| 1820 | Fra Fidiel (Kapuċċin) |
| 1825 | Gio Batta Grech (Kappillan tan-Naxxar) |
| 1826 | Salvatore Mifsud |
| 1827 | Filippo Amato (kien għadu Djaknu!) |
| 1828 | Giovanni Borg |
| 1830 | Pietru Said (Kanonku) |
| 1831 | Salvatore Cassar (Kappillan ta' Ħal Kirkop) |
| 1832 | Vincenzo Ciappell |
| 1834 | Carolo Aquilina (Arċipriet tal-Birgu) |
| 1837 | (?) Fenech (Kanonku) |
| 1839 | Francesco Saverio Vassallo (Arċipriet tar-raħal) |
| 1840 | Luduvico Mifsud Tommasi |
| 1841 | Filippu Grima |

Fl-1832 mexxa l-Vespri u l-purċissjoni tal-festa, iż-Żebbuġi Mons. Francesco Saverio Caruana, li ftit xhur qabel kien laħaq Isqof tad-Djoċesi. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni, il-kleru offrielu mazzetto maħdum minn Swor Crocifissa, li qam 15-il skud. Ħlas ieħor

interessanti għal din l-okkażjoni kien ta' skud u żewġ tari għal tużżana *piatti d'Ingilterra*, li wisq probabbli servew għat-trattament lill-Isqof u l-mistednin. Skud ieħor ġie mogħti lill-Arġentier magħruf Saverio Cannataci bħala *orefice degli Incensieri*.

Il-mużika tal-knisja kif għidna qabel kienet tittieħed bis-serjetà fil-parroċċa tagħna. Għal kronika rridu nżidu li diġà fl-1692, din il-parroċċa kienet ikkummissjonat orgni ġdid lil Gaetano Turiglio, filwaqt li matul iż-żmien kienu diversi l-kompożituri u mużiċisti li twieldu f'Ħaż-Żebbuġ. Il-ħlas għall-mużika sagra kien konsiderevoli, kultant aktar mill-kumplament ta' l-ispejjeż kollha tal-festa! Biex nagħtu xi eżempji fl-1814 tħallsu aktar minn 142 skud u s-sena ta' wara 178 skud u 8 tari. Però fiż-żmien ta' wara dawn l-ispejjeż ġieli niżlu għal 90 skud. Uħud mill-*maestri di cappella* kienu:

| | |
|---|---|
| 1814 | Sig. Imbroll |
| 1815 | Sig. Bugeja |
| 1816 | Sig. Bugeja |
| 1818 | Sig. Bugeja |
| 1825 | Paolo Bugeja |
| 1826 | Paolo Bugeja |
| 1829 | Francesco e Saverio Bugeja |
| 1831 | Vincenzo Bugeja |
| 1832 | Vincenzo Bugeja |
| 1834 | *musica* Bugeja |
| 1835 | Sac. Giuseppe Burlo |
| 1836 | Sac. Giuseppe Burlo |
| 1837 | Sac. Giuseppe Burlo |
| 1838 | Sac. Giuseppe Burlo |
| 1839 | Sac. Giuseppe Burlo |
| 1840 | Vincenzo Bugeja |
| 1841 | Vincenzo Bugeja |





***Pietru Pawl Bugeja u Vincenzo Bugeja li servew bħala Maestri di Cappella tal-parroċċa.***

## Il-Festa ta' Barra

F'din it-tieni parti, se nindunaw kemm għall-festa ta' barra ta' San Filep, kienu preżenti b'mod konsistenti u kwantitattiv, l-element tal-piroteknika u dak bandistiku. Dan meta kienu għadhom ma ġewx iffurmati l-każini tal-festa u l-partiti, li b'mod formali flimkien mal-prokuratur tal-knisja u tal-fratellanzi, komplew jgħollu l-livell tagħha.

Tagħrif ieħor hu marbut mat-tiżjin permezz tat-tazzi taż-żejt, imsejħa l-aktar bħala lumini; mad-daqq tal-fifra u t-tambur u l-maskli, li però kienu diġà jsiru fis-seklu ta' qabel. Rigward l-armar tal-festa jissemmew diversi arkaturi u li kienu jsiru fit-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni. Sawn kienu jkunu ta' l-injam jew ħadid u bosta drabi jitpoġġew fuqhom skrizzjonijiet bi kliem ta' tifħir għall-qaddis patrun.

Kienu jiżżejnu wkoll bid-drapp u l-ħaxix, kif ukoll bit-tazzi taż-żejt. Per eżempju fl-1834 tħallsu żewġ skudi biex tpoġġew l-*archi trionfali per S. Filippo*. Fl-1839 reġgħu ħallsu 2 skudi oħra lil Rocco Zammit għall-istess għan.

## Il-Baned

Meta nsibu li ħadu sehem il-baned, irridu niddistingwu ta' liema forma kienu skond iż-żmien. Fil-perjodu li qed nistħarrġu, fl-ewwel nofs tas-seklu 19, ma kinux għadhom twaqqfu l-baned fi struttura organizzata, b'numru mdaqqas ta' bandisti; kumitat amministrattiv; *sede* proprja; eċċ. L-uniċi organizzazzjonijiet simili kienu dawk tal-Militar, li kienu fuq il-mudell Brittaniku, speċjalment fejn tidħol id-dixxiplina. Il-banda li qed nistħarrġu kienet prinċipalment ta' żewġ forom: dik tradizzjonali b'numru żgħir ta' persuni li jdoqqu l-aktar il-flawt u l-katuba; u dik b'aktar bandisti li kellhom varjetà akbar ta' strumenti, kultant imsejħa wkoll bħala orkestra. Grupp ta' mużiċisti u dilettanti kienu jduru ma' xi ħadd ta' aktar esperjenza jew surmast, li jrawwimhom biżżejjed li jistgħu jagħtu kunċert aċċettabbli.

Xejn ta' barra minn hawn!, iżda dawn kienu l-preludju għal dawk li għandna llum. Meta jissemma raħal jew belt, dan għar-raġuni li dak il-grupp ikun ġej mit-tali post, bin-numru ta' bandisti li ma jaqbżux l-20 ruħ. Il-ħlas kien ikun

bejn wieħed u ieħor ta' skud għal kull bandist, li normalment ikopri żewġ servizzi. Il-banda li kienet tinqala' minn barra r-raħal kienet tiswa lill-organizzaturi spejjeż addizzjonali. Per eżempju fl-1835 tħallsu 3 skudi għat-tiben biex il-bandisti jistgħu jistrieħu fuqu; filwaqt li fl-1838 intefqu gran u 12-il tari għall-inbid. Meta jkun il-maltemp, kif inzerta fl-1829 u fl-1837 u s-servizzi jitħassru, xorta waħda l-bandisti jitħallsu s-somma miftiehma, anzi ġieli aktar! Issa se nġibu lista li turi tajjeb il-baned li ħadu sehem u kemm tħallsu:

| Sena | Banda | Numru ta' Nies | Ħlas | Tnabar u Fifri | Ħlas |
|---|---|---|---|---|---|
| 1814 | Due Bande | ? | 44.4 | | |
| 1815 | Due Bande | ? | 27 | | |
| 1816 | Banda | ? | 25.3 | | |
| 1817 | Banda | ? | 12.11 | | |
| 1818 | Banda | ? | 9 | | |
| 1819 | Banda | ? | 9 | | |
| 1820 | Banda | ? | 9 | | |
| 1821 | Banda | ? | 9 | | |
| 1822 | Banda | ? | 9 | 2 (persuni) | 1 |
| 1823 | Banda | ? | 9 | | |
| 1824 | Banda | ? | 9 | 2 | 1 |
| 1825 | Banda della Valletta | 12 | 11.5 | 3 | 1.8.10 |
| 1826 | Banda della Notabile | 11 | 11 | mill-Banda ta' Bormla | 5 |
| 1827 | Banda di Bormla | 12 | 12.2 | | |
| 1828 | Banda di Bormla | 11 | 12 | ? | 2.2 |
| 1829 | Banda | 11 | 18 | ? | 4.1 |
| 1830 | Banda | 12 | 15 | ? | 3.7.12 |
| 1831 | Banda | 12 | 13.7.4 | ? | 3 |
| 1832 | Banda | 16 | 17.2.8 | | |
| 1833 | Banda | 17 | 17.7.4 | | |
| 1834 | Banda | ? | 12.6 | | |
| 1835 | Banda | 18 | 18 | 3 | 3 |
| 1836 | Banda | 16 | 20 | ? | 5 |
| 1837 | Banda | 13 | 25 | 5 | 5 |
| 1838 | Banda (Maestro Bastiano) | 12 | 18 | 4 | 2.6 |
| 1839 | Grande Banda | 14 | 30 | 4 | 3 |
| 1840 | Banda Navale | ? | 28 | 4 | 3 |
| 1841 | Banda | 12 | 20 | 5 | 3 |

Minn din nistgħu naraw li l-baned kienu ġejjin miċ-ċentri prinċipali tal-pajjiż: il-Belt Valletta, ir-Rabat u l-Kottonera. Banda oħra kienet navali, li minnhom kien hemm diversi stazzjonati ma' l-armata ta' l-Imperu, li jindkludu mużiċisti u surmastrijiet Maltin. Banda oħra kienet marbuta ma' Maestro Bastiano, li fi snin wara nsibuh jagħti s-servizzi tiegħu f'irħula oħra wkoll. Il-*Grande Banda* ma jidhirx li kienet imsejħa hekk għax kellha numru akbar ta' bandisti, iżda jekk wieħed jikkunsidra li tħallset id-doppju, jistenna li kienet xi ħaġa superjuri. Wieħed jassumi wkoll li fejn ma jissemmiex post jew individwu speċifiku, li hemm possibbiltà li dik tkun ġejja mir-raħal fejn qed issir il-festa.

## Il-Logħob tan-Nar

Hu fatt magħruf sewwa li dan ir-raħal għandu tradizzjoni antika u sinjura fejn tidħol il-piroteknika. Kienu diversi d-dilettanti Żebbuġin li ddistingwew ruħhom f'dan il-mistier, speċjalment fil-logħob tan-nar ta' l-art, filwaqt li l-kamra tan-nar tal-knisja parrokkjali, kienet waħda mill-ewwel fil-pajjiż. L-ispiża għan-nar kienet l-akbar fejn tidħol festa ta' barra, fatt li juri kemm kien imfittex. Ġieli tħallsu fuq 75 skud, bejn xogħol u materjal. Dawn l-ispejjeż kienu jinqasmu prinċipalment fi tlieta:

***Fuoco artificiale:*** Dan kien jikkonsisti fil-logħob tan-nar ta' l-art, dak iż-żmien statiku, mhux mekkanizzat;

***Razzi:*** Dawn kienu bħal *fjammi,* jitilgħu minn ma' l-art, bħal *flare*, bojod jew bil-kulur;

***Polvere da sparo:*** Il-porvli biex jisparaw il-*maskli*, li jkunu flok il-murtali tal-bomba u



***Inċiżjoni tas-seklu 17 li turi logħob tan-nar simili għar-razzi.***

jinħarqu minn ma' l-art. Il-fatt li l-kontenitur mhux imniżżla fil-kontijiet, juri li dawn kienu proprjetà ta' xi ħadd mir-raħal, possibbilment il-knisja.

Dawn l-affarijiet ġieli kienu jitħallsu f'akkont wieħed, filwaqt li jissemma persuna partikolari, wisq probabbli dik li tkun ħadmet ix-xogħol. Il-putassa kienet tinbiegħ bl-użin imsejjaħ *rotolo*. Interessanti li fl-1825 u 1826 sar ħlas lil Mastru Lorenzo Cachia, kemm għal-logħob tan-nar kif ukoll għaż-żiemel. Dan jista' jindika li jew ma kienx mir-raħal, inkella għat-trasport tal-materjal. Fl-1829, jissemmew Ġużeppi Azzopardi u Ġużeppi Micallef, filwaqt li Ġużeppi Zammit tħallas skud talli ħasel id-dawa tal-knisja wara li nħaraq in-nar. Fis-snin ta' wara n-nar dejjem tħallas għalih Ġużeppi Azzopardi waħdu. Fl-1840 wkoll 2 skudi *al bombista per aver sparato in questa solennità e ottava*, indipendentament mill-ħlas li sar lil Azzopardi. Dan jindika li normalment in-nar kien jaħarqu ħaddieħor.

Dan it-tagħrif juri biċ-ċar li l-festa titulari f'Ħaż-Żebbuġ kienet okkażjoni ta' ferħ li ma titħalla nieqsa minn xejn, anke meta kien hemm xi epidemija serja, bħalma kienet il-Kolera ta' l-1837, li ħalliet bosta mwiet. Din it-tradizzjoni fortunatament għadha għaddejja bl-istess ritmu llum ukoll, però filwaqt li naqset sew mill-fervur mill-knisja 'l ġewwa, kibret aktar fuq barra. L-appartinenza taż-Żebbuġin għall-festa hi riflessa wkoll għall-fatt li ħafna xogħol konness magħha jsir mid-dilettanti tar-raħal, li għall-grazzja ta' Alla, għadhom kotrana u akkaniti bħal missirijietna!